



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

19.2.2014

B7-0189/2014

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fl-Iraq
(2014/2565(RSP))

Charles Tannock, Struan Stevenson
f'isem il-Grupp ECR

B7-0189/2014

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fl-Iraq
(2014/2565(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iraq,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra, kif ukoll ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2013 dwar il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Iraq¹,
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Strateġija Konġunt għall-Iraq (2011-2013) tal-Kummissjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra n-numri tal-vittmi fl-Iraq għal Jannar 2014, ippublikati min-Nazzjonijiet Uniti fl-1 ta' Frar 2014,
- wara li kkunsidra r-rapport ta' kull sitt xhur tal-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iraq (UNAMI) dwar id-drittijiet tal-bniedem, li ġie ppublikat fl-20 ta' Jannar 2014,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet li saru mill-Viċi President / Rappreżentant Għoli dwar il-vjolenza fl-Iraq, l-iktar reċenti fil-5 ta' Frar 2014,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tat-22 ta' Jannar 2014 mill-kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Iraq u r-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-Iraq dwar it-tnedija tal-programm għal "Bini ta' Kapaċità tal-Kumitati Relatati mad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Kunsill tar-Rappreżentanti u l-Kummissjoni Għolja għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Iraq",
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, li l-Iraq hu parti tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU tal-1981 dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha tal-Intolleranza u d-Diskriminazzjoni abbażi tar-Reliġjon jew tat-Twemmin,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-1 ta' Settembru 2013 mis-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-moon dwar l-imwiet f'Kamp Ashraf,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-29 ta' Lulju 2013 mis-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-moon, fejn ħeġġeġ lill-mexxejja jiġbdu lill-Iraq "mix-xifer",
- wara li kkunsidra l-eżitu tal-ewwel laqgħa tas-Sottokomitati għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Iraq tal-11 ta' Novembru 2013,

¹ Testi adottati, P7_TA(2013)0022.

- wara li kkunsidra s-sejbiet dwar l-Iraq tal-"World Report2014" tal-Human Rights Watch,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Iraq għadu qed jaffaċċa sfidi politiċi, ta' sigurtà u soċjoekonomiċi serji, bi frammentazzjoni politika u vjolenza, li jipperikolaw b'mod gravi l-prospetti ta' paċi, prosperità u tranżizzjoni ġenwina lejn id-demokrazija;
 - B. billi, skont l-aħħar ċifri mill-UNAMI, l-għadd totali ta' Iraqini maqtula kien 733 filwaqt li 1 229 oħra ndarbu f'atti ta' terroriżmu u vjolenza f'Jannar 2014; billi minn dawk l-imwiet 618 kienu persuni ċivili; billi dawn iċ-ċifri ma jinkludux il-persuni maqtula jew midruba fil-provinċja ta' Anbar; billi, skont iċ-ċifri miksuba mill-UNAMI mid-Direttorat tas-Saħħa f'Anbar, l-għadd totali ta' mwiet ta' persuni ċivili f'Anbar sas-27 ta' Jannar 2014 kien 138 maqtula u 598 midruba;
 - C. billi, skont iċ-ċifri tal-UNAMI, xi 7,818-il persuna ċivili nqatlu u 17,981 indarbu fl-Iraq fl-2013; billi l-għadd tal-vittmi għall-2013 jagħmluha l-iktar sena mdejmija fl-Iraq f'dawn l-aħħar ħames snin;
 - D. billi skont il-Human Rights Watch, il-kundizzjonijiet fl-Iraq għadhom sejr in lura hekk kif it-tensjonijiet settarji qed ikomplu jizjeddu; billi t-terroristi qed iwettqu attakki ta' kuljum fuq persuni ċivili, filwaqt li l-attakki suwiċida, il-karozzi bomba u l-qtil qed isiru iktar frekwenti; billi l-Gvern tal-Iraq irreaġixxa għall-protesti paċifiċi bi vjolenza u għas-sitwazzjoni ta' sigurtà li qed taggrava b'miżuri ta' kontra t-terroriżmu iebes u ħorox ħafna;
 - E. billi l-vjolenza intensifikat fil-provinċji tal-punent tal-Iraq, b'għadd ta' konfronti vjolenti u mobilizzazzjoni sinifikanti tal-forzi tas-sigurtà tal-Iraq;
 - F. billi l-impatt tal-vjolenza fuq il-persuni ċivili ħoloq problemi soċjoekonomiċi serji, b'faqar mifruż, livell għoli ta' qgħad, stagħnar ekonomiku, u nuqqas ta' servizzi pubbliċi; billi bosta eluf ta' nies ġew spustati minħabba l-vjolenza u l-faqar;
 - G. billi l-UNHCR tikkalkula li 140 000 Iraqij ħarbu mill-ġlied fil-provinċja ta' Anbar li tinsab fil-punent tal-Iraq;
 - H. billi l-komunitajiet tal-minoranzi tal-Iraq għadhom qed jispiċċaw fil-mira tat-terroristi bħala parti miż-żieda fil-vjolenza; billi anki l-ġurnalisti qed jiġu attakkati u maqtula, qed ikunu l-oġġettivi ta' qtil, jew qed jiġu mhedda b'intimidazzjoni;
 - I. billi fis-6 ta' Frar 2014 il-Gvern tal-Iraq nieda l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tiegħu fuq ir-Riżoluzzjoni Nru 1325 (2014-2018) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, rigward in-nisa, il-paċi u s-sigurtà;
 - J. billi l-kampanja globali ta' 16-il Jum ta' Attiviżmu Kontra l-Vjolenza Sessista ġiet iċċelebrata b'entużjażmu madwar l-Iraq, b'għadd ta' avvenimenti organizzati mill-komunità internazzjoni, il-Gvern tal-Iraq u oħrajn, fturija ta' appoġġ pubbliku għall-bidla; billi l-abbozz ta' liġi dwar l-istatus personali, li kien se jnaqqas id-drittijiet tan-

nisa, billi jbaxxi l-età minima taż-żwieġ u jbidel id-drittijiet ta' kustodja u wirt, ġie rrifjutat mill-Parlament tal-Iraq;

- K. billi ġie rrapportat li l-Gvern tal-Iraq qed iżomm eluf ta' nisa illegalment, filwaqt li bosta minnhom qed ikunu soġġetti għal tortura u trattament ħażin, u detenzjoni mingħajr akkuża;
 - L. billi l-awtoritajiet tal-Iraq qed ikomplu japplikaw il-piena tal-mewt, inklużi l-eżekuzzjonijiet tal-massa; billi kien hemm madwar 200 eżekuzzjoni fl-2013, wieħed mill-ogħla numri fi kwalunkwe pajjiż tad-dinja; billi kemm il-Ministru tal-Ġustizzja kif ukoll il-Ministru għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Iraq tennew pubblikament l-appoġġ tagħhom għall-użu tal-piena tal-mewt matul dan il-perjodu; billi l-Kapjiet tal-Missjoni tal-UE f'Bagdad iffirmaw dikjarazzjoni dwar il-Jum Dinji Kontra l-Piena tal-Mewt f'Ottubru, fejn esprimew tħassib kbir dwar l-użu tal-piena tal-mewt mill-Iraq u stiednu lill-Gvern tal-Iraq biex jintroduċi moratorju;
 - M. billi l-kostituzzjoni tal-Iraq tiggarrantixxi l-ugwaljanza quddiem il-liġi għaċ-ċittadini kollha tiegħu, flimkien mad-"drittijiet amministrattivi, politiċi, kulturali u edukattivi tad-diversi nazzjonalitajiet";
 - N. billi l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni UE-Iraq, b'mod partikolari l-klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem misjuba fih, jenfasizza li d-djalogu politiku UE-Iraq għandu jikkonċentra fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi;
1. Jikkundanna bl-iktar termini b'saħħithom l-atti reċenti ta' terroriżmu fl-Iraq, li qed jheddu li jitfgħu lill-pajjiż f'aktar ġlied settarju u jistgħu jwasslu għal vjolenza iktar mifruxa mar-reġjun; jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji u l-ħbieb ta' dawk maqtula u midruba;
 2. Jesprimi tħassib kbir dwar l-impatt tal-vjolenza fuq il-ħajjiet taċ-ċittadini ordinarji tal-Iraq; barra minn hekk jesprimi tħassib kbir fir-rigward tal-kunflitt fil-provinċja ta' Anbar li sejjer għall-aġħar, u li rriżulta f'għexieren ta' mwiet u fl-ispostament ta' eluf ta' familji;
 3. Jiirikonoxxi l-isfidi kkaġunati mill-ambjent ta' sigurtà fl-Iraq, iżda jistieden lill-mexxejja politiċi, reliġjużi u ċivili tal-Iraq biex jaħdmu flimkien bħala kwistjoni ta' urġenza sabiex jindirizzaw il-vjolenza u jippromwovu pjan direzzjonali lejn il-paċi, ir-rikonċiljazzjoni u l-istabilità b'politiki inklużivi, ibbażati fuq ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;
 4. Jistieden lill-Gvern tal-Iraq u lill-gvernijiet reġjonali fl-Iraq biex jikkundannaw l-atti kollha ta' vjolenza u jwettqu investigazzjoni sħiħa, rapida u indipendenti sabiex iressqu lil dawk responsabbli quddiem il-qrati;
 5. Ifakkar fl-impenji tal-Gvern tal-Iraq skont id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem li jirrispetta u josserva d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għal kulħadd mingħajr distinzjoni fir-rigward ta' razza, sess, ilsien jew reliġjon;
 6. Jinnota bi tħassib l-effetti b'konsegwenza tal-vjolenza tal-kunflitt fis-Sirja;

7. Jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tal-arresti indiskriminati skont l-Artikolu 4 tal-liġi kontra t-terroriżmu tal-Iraq u fir-rigward tal-bosta rapporti ta' abbuż tad-detenuti; itenni t-talba tiegħu għal moratorju fuq il-piena tal-mewt;
8. Jikkundanna bil-qawwa l-attakk imwettaq mill-forzi tal-Iraq fuq Kamp Ashraf fl-1 ta' Settembru 2013, fejn inqatlu 52 rifuġjat Iranjan u nħatfu seba' residenti; jikkundanna d-disponiment sigriet rappurtat tat-52 kadavru mill-Gvern tal-Iraq; jappoġġa wkoll is-sejħa tan-Nazzjonijiet Uniti għal investigazzjoni dwar l-attakk; jesprimi tħassib fir-rigward tal-attakki reċenti fuq Kamp Liberty, fejn joqgħodu madwar xi 3000 membru u familja tal-Mujahadeen Khalq, il-grupp prinċipali tal-oppożizzjoni Iranjana ;
9. Jitlob li l-elezzjonijiet parlamentari nazzjonali fl-Iraq, skedati għal April 2014, jitwettqu b'mod liberu, għust u paċifiku sabiex il-poplu tal-Iraq ikun jista' jilħaq l-ambizzjonijiet demokratiċi tiegħu;
10. Jinnota bi tħassib l-attakki reċenti fuq ġurnalisti fl-Iraq u l-arrest mill-forzi tas-sigurtà tal-Iraq ta' dawk li rrappurtaw dwar suġġetti politikament sensittivi; jesprimi tħassib għall-fatt li dan it-tip ta' vjolenza u intimidazzjoni jista' jwaqqaf ir-rappurtar liberu u għust tal-elezzjonijiet parlamentari li ġejjin; jistieden lill-awtoritajiet tal-Iraq biex jinvestigaw dawn l-attakki u atti ta' intimidazzjoni u biex iressqu lil dawk responsabbli quddiem il-qrati;
11. Jesprimi tħassib qawwi u dejjem ikbar dwar ir-rapporti ta' abbużi kontra n-nisa fl-Iraq, fosthom fis-sistema tal-ġustizzja kriminali; jesprimi tħassib ukoll fir-rigward tal-vjolenza u l-intimidazzjoni kontra l-gruppi ta' minoranza vulnerabbli u jistieden lill-Gvern tal-Iraq biex jinvestiga tali abbużi u jressaq lil dawk responsabbli quddiem il-qrati;
12. Jesprimi tħassib kbir fir-rigward tal-vjolenza kontra l-gruppi reliġjużi ta' minoranza fl-Iraq u jistieden lill-mexxejja reliġjużi tal-Iraq u lill-Gvern tal-Iraq biex jaħdmu flimkien sabiex itemmu l-vjolenza u l-isfiduċja settarji, sabiex tiġi promossa l-libertà tat-twemmin reliġjuż u sabiex il-poplu tal-Iraq jingħaqad;
13. Jilqa' l-fatt li l-avveniment tal-Ġimgħa Dinjija tal-Armonija Interkonfessjonali li sar f'Bagdad fl-1 ta' Frar 2014, li attendew għalih mexxejja reliġjużi minn komunitajiet differenti u rappreżentanti taż-żgħażaġh u s-soċjetà ċivili, kif ukoll Iraqini minn żoni u twemmin differenti; jesprimi t-tama li tali avveniment se jaġixxi bħala katalist għal involviment interkonfessjonali u interkomunitarju ikbar bħala parti mill-proċess tat-trawwim tal-koeżjoni soċjali u l-armonija fost id-diversità reliġjuża u kulturali;
14. Jilqa' t-tneđija tas-26 ta' Jannar 2014 tal-Istrateġija Nazzjonali ta' Taħriġ tal-Għalliema - ibbażata fuq kooperazzjoni bejn il-UNESCO u l-Gvern tal-Iraq - li se tmexxi 'l quddiem il-proċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-għalliema bħala mezz biex jiżdedu l-opportunitajiet ta' taġħlim madwar il-pajjiż;
15. Jenfasizza l-impenn sod tiegħu lejn ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem bħala għodda essenzjali għall-bini ta' demokrazija b'saħħitha u kontra t-terroriżmu u l-vjolenza; jenfasizza wkoll il-konvinzjoni soda tiegħu li la t-tortura u lanqas il-piena tal-mewt ma

huma deterrent effikaċi kontra t-terroriżmu;

16. Jikkonferma mill-ġdid l-impenn kontinwu tiegħu li jappoġġa l-poplu tal-Iraq fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u li jgħinu jwettaq l-ambizzjonijiet tiegħu ta' pajjiż demokratiku, għani u sigur;
17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Kunsill tar-Rappreżentanti tal-Iraq, lill-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan, lill-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti.